MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 19a

26 ta' Novembru 2025

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 19 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 26 ta' Novembru 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru.18 li saret fid-29 ta' Ottubru 2025 ġew approvati mingħar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Ħlasijiet tal-Kontijiet tal-ARMS Ltd fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali (K/1/3/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku għarraf li sar kuntatt miegħu mill-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali s-Sur Mario Fava, dwar is-servizz tal-ħlasijiet tal-kontijiet tal-ARMS Ltd fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal li apparentement il-fergħa tal-Maltapost plc tal-Mellieħa mhux ser tibqa' taċċetta dan it-tip ta' ħlasijiet, u għalaqstant l-AKL qed tħeġġeġ lill-Kunsill Lokali jissieħeb f'din l-inizjattiva. Is-Sindku qal ukoll li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta li jissieħeb, il-Kunsill jibda jirċievi 90ċ commission għal kull kont li jitħallas fil-Kunsill.

2.1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo irrimarka li kemm-il darba l-Kunsill jaċċetta li jissieħeb f'din l-inizjattiva, il-Kunsill irid jappunta membru tal-istaff apposta biex jipproċessa dawn il-ħlasijiet.

2.1.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-Kunsill jista' jitlob statistika dwar kemm nies bħalissa qed imorru l-fergħa tal-Maltapost plc fil-Mellieħa jħallsu l-kontijiet tal-ARMS Ltd tagħhom, biex b'hekk il-Kunsill ikollu idea ta' kemm ser ikun in-numru ta' nies li jibda jmur l-uffiċċju tal-Kunsill minflok. Hija qalet ukoll li l-Kunsill irid jaħseb fejn ser imorru jħallsu l-kontijiet tagħhom dawk l-anzjani li m'għandhomx il-mezzi biex iħallsu l-kontijiet tagħhom online, kemm-il darba jkun ċert li l-Maltapost mhux ser tibqa' toffri dan is-servizz.

2.1.5. Il-Kunsilliera L. Darmanin issuġġerit li l-Kunsill jitlob lill-ARMS Ltd jibgħatu rappreżentanti minn tagħhom fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jaċċettaw dawn il-ħlasijiet. B'hekk ma jkunx qed jiżdied il-volum tax-xogħol tal-impjegati tal-Kunsill.

2.1.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li ċertament li ser ikun hemm pressjoni akbar ta'xogħol fuq l-impjegati tal-Kunsill, kemm-il dabra l-Kunsill jaċċetta li jissieħeb f'din l-inizjattiva.

2.1.7. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li l-ARMS Ltd iridu jaraw li kemm-il darba l-Maltapost plc mhux ser jibqgħu jieħdu l-ħlasijiet, jew isibu post alternattiv fil-Mellieħa li jistgħu jikru u jutilizzawh għal dan il-għan, jew jibagħtu r-rappreżentanti tagħhom. Hija kienet qed tissuġġerixxi dan peress li taf kemm huwa kbir in-numru ta' persuni li jmorru jħallsu l-kontijiet tagħhom personalment u x'piż ser ikun hemm fuq l-uffiċċju tal-Kunsill.

2.1.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Korsijiet tal-Ewwel Għajnuna fl-uffiċċju tal-Kunsill (E/3/1 Vol III)

2.2.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li b'referenza għall-minuta 2.2.1 tas-seduta preċedenti dwar il-kors tal-Ewwel Għajnuna, dan ġie pospost għall-wara l-festi tal-Milied u l-ħsieb huwa li jibda f'Jannar 2026.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1 Il-Ħarġiet Kulturali (A/5/3/Vol XVI)

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-ħarġa kulturali li jmiss ser issir nhar it-3 ta' Diċembru 2025 u ser tkun tikkonsisti fi żjara fil-Mużew tax-Xierfa li jinsab ir-Rabat. Din il-ħarġa kulturali qed tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni ta' Ms Tara Darmanin u l-istudenti tagħha.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1 Il-Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir għada l-Ħamis, 27 ta' Novembru 2025 fil-5.30pm.

2.4.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri talab li jitqajjem il-punt dwar persuna li qed tkun osservata tittallab għall-flus fit-toroq tal-Mellieħa.

2.4.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li diġa' sar rapport mal-Pulizija f'dan ir-rigward għax kemm hu kif ukoll is-Sindku rċevew rapporti.

2.4.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1 Il-Pubblikazzjoni 'Out of the Shadows' (L/4/Vol IV)

2.5.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-awtur tal-ktieb 'Out of the Shadows' – Ms Jessica de Battista, għoġobha tippreżenta zewġ kopji ta' dan il-ktieb lill-Kunsill sabiex jingħata lil-librerija pubblika tal-Mellieħa u jkun aċċessibbli għal kulħadd sabiex jinqara.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u apprezza ferm dan il-ħsieb.

### 2.6.1. Taħriġ ta' Mental Health First Aid (E/3/1 Vol III)

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għamlet referenza għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-Kunsill ġie avviċinat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar il-possibiltà li jsir użu mis-sala Joseph Borg biex isir taħriġ dwar Mental Health First Aid għal dawk l-applikanti li wrew interess li jattendu u li joqogħdu fit-Tramuntana ta' Malta jew f'Għawdex.

2.6.3. Hija qalet li l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir użu mis-sala Joseph Borg u jidher li hemm madwar tmien sessjonijiet x'isiru. Fil-fatt l-ewwel sessjoni qed issir proprju bħalissa u hemm madwar tnax-il parteċipant.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. 'Young Engineers STEM Activities' fil-Mellieħa (A/5/3/Vol XVI)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill irċieva imejl datat 25 ta' Novembru 2025 mingħand Young Engineers Team Malta fejn il-Kunsill ntalab jikkunsidra l-opportunità li jintroduċi l-'Young Engineers Stem Activities' fil-Mellieħa.

2.7.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li sfortunatament s'issa dawn it-tip t'attivitajiet għadhom qatt ma saru fit-tramuntana ta' pajjiżna, u jidher li hemm domanda biex dawn l-attivitajiet jibdew isiru fil-Mellieħa wkoll speċifikament fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

**2.8.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irrimarkat illi sfortunatament fis-sessjonijiet 'Aqra Miegħi' li qed isiru s-Sibtijiet fl-Irziezet ta' Selmun, mhux qed jipparteċipaw tfal Melleħin. Madanakollu, hija qalet li jista' jagħti l-każ li qed jiġri hekk, peress li kull nhar t'Erbgħa u s-Sibt filgħodu qed isiru sessjonijiet fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.8.3. Hija qalet ukoll li matul ix-xahar ta' Diċembru s-sessjonijiet fl-Irziezet ta' Selmun, ser jissoktaw peress li t-tfal ikollhom ħafna attivitajiet.

2.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Niftakru fl-Anzjani fil-Milied 2025 (A/1/1/Vol III )**

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li matul il-festi tal-Milied, il-Kunsill dejjem ipprova jferraħ lill-anzjani li huma residenti fid-Dar Residenzjali Madonna tal-Mellieħa u dawk li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa.

2.9.3. Hija qalet li s-sena l-oħra l-Kunsill ippreżenta poinsettia lil kull anzjani, u talbet lill-membri preżenti biex jekk għandhom xi suġġeriment differenti jgħadduh.

2.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.10.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li nhar is-Sibt 29 ta' Novembru 2025, il-Kunsill tat-Tfal ġie mistieden jieħu sehem fl-ewwel marċ nazzjonali tat-tfal favur il-paċi. Hija qalet li din hija inizjattiva ta' The Malta Foundation for the Wellbeing of the Society u l-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca.

2.10.3. Hija għarrfet ukoll li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tat-Tfal ser issir nhar it-3 ta' Diċembru 2025 fl-4.00pm.

2.10.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Kampanja tat-Tilqim 2025: Tilqim kontra l-Influwenza, COVID-19 u mard Pnewmokokkali (PCV-20) (M/8)**

2.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li n-numru ta' persuni li ħadu t-tilqim kontra l-Influwenza, Covid-19 u mard Pnewmokokkali fl-uffiċċju tal-Kunsill laħaq it-850 persuna.

2.11.3. Is-Sindku xtaq jieħu din l-opportunità biex jirringrazzja lit-tim mediku li assistew lill-Kunsill b'mod volontarju fl-għoti tat-tilqim u li kienu Dr Thomas Calleja, Dr Cedric Demicoli, Dr Jade Borg, Ms Celine Farrugia, Ms Joan Gauci u Ms Alisia Bezzina Turner. Is-Sindku rringrazzja wkoll lill-membri tal-istaff li kkodinaw din l-inizjattiva.

2.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Explore Malta Project (I/1/3/Vol VII)**

2.12.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-imejl datat 7 ta' Settembru 2025 u mibgħut mill-Information Management Unit dwar Explore Malta Project.

2.12.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub jibgħat informazzjoni u ritratti dwar siti storiċi u t'interess fil-Mellieħa u fil-Manikata sabiex ikun parti minn dan il-proġett immirat li jagħti promozzjoniu viżibilità lil dawn il-postijiet fuq bażi internazzjonali. Huwa qal li bħala Kunsill għadda l-informazzjoni kollha mitluba u għaldaqstant ser ikun parteċipi f'dan il-proġett.

2.12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2025 (A/5/3/3 Vol V)**

3.1.2. Dwar il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2025, il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li din is-sena kienet waħda suċċess għax kien hemm konkorrenza tajba ħafna. Hija qalet li mill-istand tal-Kunsill, din is-sena nbiegħu madwar €400 f'kotba. Hija xtaqet tirrimarka wkoll li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa huwa l-uniku kunsill lokali li jipparteċipa.

3.1.3. Is-Sindku G. Micallef xtaq jirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu fl-organizazzjoni jew ħa ħsieb l-istand waqt dan il-festival.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.2.1 Mental Health Area fil-Bajja tal-Għadira (F/1/2/Vol XI)**

3.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa u l-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rċevew stedina sabiex fl-10 ta' Diċembru 2025, jattendu għall-ftuħ uffiċjali tal-investiment 'il ġdid li jikkonsisti fl-estensjoni tas-solar farm fil-Mellieħa Holiday Centre.

3.2.3. Is-Sindku qal li peress li huwa mhux ser ikun jista' jattendi dakinhar tal-ftuħ uffiċjali minħabba li ser ikun imsiefer, talab li l-istedina tkun estiża għall-Kunsilliera J. Buttigieg u E. Bartolo u għas-Segretarju Eżekuttiv.

3.2.4. Huwa qal ukoll li l-Bord tad-Diretturi stieden lill-Kunsill biex wara l-ftuħ uffiċjali, jiltaqgħu u jiddiskutu l-proposta ta' Mental Health Area fil-Bajja tal-Għadira.

3.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.3.1. Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)**

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għamel referenza għas-silta 3.3.3. tal-minuti tas-seduta preċedenti, u għarraf li s-survey issa qiegħed f'idejn il-Perit u l-Perit se jissottometti applikazzjoni biex ikun hemm bidla fl-ischeme alignment bil-għan li jiġi evitat li t-triq tidjiq.

3.3.3. Is-Sur E. Bartolo qal ukoll li ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur inkarigat minn dan il-proġett li huwa Derek Garden Centre peress li l-hoarding reġa' qiegħed perikoluż.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.4.1. Inizjattiva Community Profiling (K/16)**

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li fl-10 ta' Diċembru 2025 ser jiltaqa' t-tieni focus group. Huwa ħeġġeġ lill-membri l-oħra tal-Kunsill li m'attendewx għall-ewwel sessjoni sabiex jattendu għal din it-tieni sessjoni. Culture Venture ser jieħdu ħsieb jibagħtu stedina lill-għaqdiet.

3.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.5.1. Sotto Kumitat – Diżabilità u Inklużjoni (K/2/54)**

3.5.2. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li l-Espressjoni t'Interess għal dawk il-persuni li jixtiequ jiffurmaw parti mis-Sotto Kumitat Diżabilità u Inklużjoni ser toħroġ f'Jannar 2026.

3.5.3. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni sabiex irringrazzja lill-Kunsill J. Cauchi tal-abbozz li huwa ħejja.

3.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.6.1 Ħtieġa ta' aktar Automated External Defibrillator (AED's) fil-Lokalità (M/8/Vol VIII)**

3.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li b'referenza għall-item numru 3.6.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti, dwar ix-xiri ta' tliet Automated External Defibrillators, il-kumpanija OK Medical qed toffri sessjoni ta' taħriġ b'xejn għall-membri tal-Kunsill u tal-istaff.

3.6.3. Hija fakkret li s-sessjoni hija ppjanata li ssir nhar il-Ħamis, 4 ta' Diċembru 2025 fil-5.30pm.

3.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.7.1. Sistema ta' Floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata (P/4/31)**

3.7.2. Dwar il-proġett ta' floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata, is-Sindku aċċenna għal-laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 13 ta' Novembru 2025 fil-preżenza tal-membri tal-Kunsill, Dun Matthew Pulis – il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Manikata u l-Ing. Jordan Cutajar u s-Sur Peter Calleja minn Light Design Solutions. Huwa qal li matul din il-laqgħa ngħatat spjega dettaljata fuq il-proġett in ġenerali.

3.7.3. Is-Sindku stqarr li Dun Matthew Pulis qajjem punt wieħed biss fir-rigward ta' dan il-proġett, li kien jirrigwardja min kien ser ikun responsabbli meta s-sistema tal-floodlighting tinxtegħel. Dan il-punt ġie kkjarifikat mill-ewwel u kien hemm qbil li s-sistema tinxtegħel u tintefa' kif jiddeċiedi min hu responsabbli mill-Parroċċa. Apparti dan il-punt, jidher li l-Periti tal-Curia li tqabdu apposta u l-Kappillan, ma sabu l-ebda oġġezzjoni dwar dan il-proġett.

3.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.8.1. Sistema ta' Floodlighting madwar il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa (P/4/35)**

3.8.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għas-silta 5.38.2 tal-minuti tas-seduta preċedenti u qal li l-kits għas-sistema attwali ta' floodlighting madwar il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa m'għadhomx isiru.

3.8.3. Għal dan il-għan huwa ppropona li jibda x-xogħol preparatorju biex possibiliment sal-Festa tal-Vitorja tas-sena d-dieħla, is-sistema eżistenti tkun inbidlet peress li hemm ir-riskju li ssirilha ħsara rreparabbli.

3.8.4. Huwa qal ukoll li l-kumpanija Light Design Solutions kienet il-kumpanija li nstallat is-sistema eżistenti u saħansitra għandhom il-pjanti ta' kif kienet tfasslet. Huwa qal li idealment l-Kunsill jikkummissjona dan ix-xogħol direttament lil-Light Design Solutions, peress li ħafna mix-xogħol preparatorju huwa lest

3.8.5. Madanakollu, il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk dan hux ser jirrifletti ħażin fejn jidħol procurement.

3.8.6. Is-Sindku wieġeb li kemm-il darba l-ispiża ma tkunx ser taqbeż €5,000 + VAT u jkun hemm ġustifikazzjoni tajba għaliex il-Kunsill ħa din id-deċiżjoni, il-Kunsill ikun jista' jagħmel dan. Madanakollu, il-Kunsill jista' joħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet.

3.8.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.9.1. 'European Heritage Days' (A/5/3/Vol XVI)

3.9.2. Dwar tmiem il-ġimgħa t'attivitajiet organizzata bejn il-11 u t-12 ta' Ottubru 2025 minn Arkeo fl-irziezet ta' Selmun, is-Sindku qal li kien hemm attendenza sabiħa matul is-Sibt kif ukoll il-Ħadd.

3.9.3 Huwa qal ukoll li l-attivitajiet li saru kienu interessanti ferm u attivitajiet bħal dawn jawguraw tajjeb għall-avvenimenti simili fil-futur.

3.9.4. Il-Kunsill xtaq jirringrazzja lill-Arkeo għal din l-inizjattiva.

### 3.10.1. Parking ta' Vetturi fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XIX)

3.10.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri xtaq jirreferi għar-risposta li Transport Malta bagħtet lill-Kunsill fir-rigward tal-problema ta' nuqqas ta' parking bays fil-parti d-dejqa ta' Triq Snajjin.

3.10.3. Is-Sur M. Borg Cuschieri għarraf li Transport Malta ma tatx il-go ahead tagħha sabiex f'din il-parti tat-triq jerġgħu jiġu ntrodotti almenu parking bay waħda jew tnejn. Ir-raġunijiet ta' Transport Malta kienu li l-wisa' tat-triq ma tippermettix street parking. Huwa kompla jgħid li huwa ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni u talab li l-Kunsill jappellaha.

3.10.4. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-Kunsill ma jistax imur kontra din id-deċiżjoni meta Transport Malta qed tikkwota l-policy li magħha hija rabtet din id-deċiżjoni.

3.10.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.11.1. 'Medieval Weekend' fl-Irziezet ta' Selmun (A/5/3/Vol XVI)

3.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-attivitajiet mtella' bejn Anakron u Arkeo bejn it-22 u t-23 ta' Novembru 2025 fl-irziezet ta' Selmun intlaqgħu tajjeb ħafna.

3.11.3. Huwa qal li kemm Anakron kif ukoll Arkeo qed jagħmlu xogħol ta' tindif u ta' manutenzjoni kif ikunu fl-irziezet ta' Selmun dan bil-għan li l-irziezet jinżammu fi stat tajjeb kemm jista' jkun.

3.11.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.12.1. Il-Multi-Purpose Court fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

3.12.2. Is-Sindku rrefera għas-silta 3.12.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Mellieħa Netball SC u Selmun Sports Club dwar is-sejħa għall-offerti dwar il-manutenzjoni tal-multi-purpose court fil-Park tal-Familja fil-preżenza tal-Perit M. Casha. Huwa qal li minn dakinhar 'l hawn sar fine tuning tal-Bill of Quantities u issa tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti.

3.12.3. Is-Sindku qal li kif għarraf, il-fencing temporanju madwar il-multi-purpose court ser isir kompletament mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u dan bil-għan li t-tfal tal-iskola jkunu jistgħu jagħmlu użu minn dan il-court waqt il-ħin tar-rikreazzjoni tagħhom.

3.12.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg xtaq jenfasizza l-punt li l-court minn dejjem kien meqjus bħala multi-purpose court u mhux speċifikament għal tip ta' dixxiplina sportiva partikolari.

3.12.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.13.1. Riallokazzjoni tal-Librerija Pubblika (L/4/Vol IV)

3.13.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li wara kuntatt li huwa reġa' kellu mas-Sur Jonathan Mallia – Head of Implementation and Project Management fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Ministeru għandu prefabricated classroom li tista' tintuża biex tiġi riallokata l-librerija pubblika.

3.13.3. Għal dan il-għan, is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandux ipoġġi l-prefabricated classroom fil-post li kien oriġinarjament propost jiġifieri faċċata tal-kumpless tal-Mellieħa Sports Club fi Triq Edward Camilleri jew inkella jikkunsidrax ipoġġiha fi Triq Ġużè' Flores.

3.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-librerija pubblika għandha ssir fi Triq Edward Camilleri.

### 3.14.1. Kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali u l-Iskejjel Primarji 'Eko Skola' (A/4/5/Vol IV)

3.14.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tinsisti biex ikun hemm kollaborazzjoni sħiħa bejn il-Kunsilli Lokali u l-Iskejjel Primarji li għandhom it-titlu ta' 'Eko Skola'.

3.14.3. Is-Sindku qal li l-iskola primarja tal-Mellieħa għandha track record pożittiv ħafna bħala 'Eko Skola' u għaldaqstant ser jieħu ħsieb jiltaqa' mal-għalliema u l-istudenti li jaħdmu biex iżommu dan it-titlu u ħa jara kif il-Kunsill jista' jkun ta' sostenn għalihom.

3.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.15.1. Proposta ta' 'Sleeping Policemen' matul Triq Għajn Żejtuna u Introduzzjoni ta' Bollards matul Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XIX)

3.15.2. Dwar il-proposta ta' implimentazzjoni ta' numru ta' sleeping policemen matul Triq Għajn Żejtuna u introduzzjoni ta' bollards matul Triq il-Qortin, is-Sindku għarraf li l-Kunsill bagħat ittra lir-residenti kollha ta' dawn iż-żewġ toroq rispettivi, bil-għan li jirċievi lura jekk ir-residenti jaqblux jew le ma' dawn iż-żewġ proposti.

3.15.3. Huwa qal li jidher li l-maġġoranza tar-residenti huma favorevoli u għaldaqstant il-Kunsill ser jikkomunika ma' Transport Malta biex tiddeċiedi din l-awtorità, fejn l-aħħar li jsiru l-isleeping policemen u fejn l-aħjar li jiġu introdotti l-bollards.

3.15.4. Il-Kunsilliera C. Castillo ħadet din l-opportunità sabiex tressaq talba li rċeviet dwar introduzzjoni ta' numru ta' sleeping policemen fit-triq Daħlet ix-Xmajjar, minħabba s-sewqan eċċessiv.

3.15.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Minuti tal-Kumitat t'Evalwazzjoni dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC/03/2024 dwar 'Installation of CCTV Systems at all Approaches to Mellieħa Urban Zone' – 06/10/2025;
- Minuti tal-Kumitat t'Evalwazzjoni dwar is-Sejħa għall-Offerti MLC 04/2025 dwar 'Is-Servizz ta' Perit' – 21/10/2025;
- Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2025;
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 21/11/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 25/10/2025 – 21/11/2025;
- Skeda ta' Petty Cash – 26/09/2025 – 27/10/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-item 5.1.2. tal-minuti tas-seduta preċedenti u għarraf li kif kien imwiegħed l-Outdoor Gym u l-Play Area ġew riallokati fi Triq Ġuże' Flores fil-parti 'Slow Streets' u issa jistgħu jergħu jitgawdew mill-pubbliku in ġenerali.

5.1.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jdawwar il-Play Area b'railing biex l-area tkun aktar sigura għat-tfal.

5.1.4. Is-Sindku ħa din l-opportunità sabiex jgħarraf li l-fencing temporanju li ntalab mill-Kap tal-Iskola sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jagħmlu r-rikreazzjoni tagħhom fil-multi-purpose court, ser isir kompletament mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni u fil-fatt ix-xogħol diġa' beda. Huwa qal li l-persuna nkarigata min-naħa tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet hemm is-Sur Victor Cumbo.

5.1.5. Is-Sindku xtaq jinfurma wkoll li inġibdet l-attenzjoni ta' Dr Neville Young fir-rigward ta' numru ta' żgħażagħ li ġew osservati jidħlu fl-iskola l-antika sabiex ikun jista' jintervjeni min-naħa tiegħu.

5.1.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.2.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)

5.2.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' scarifying ta' toroq peress li meta tagħmel ix-xita speċjalment dawn qed ikunu perikolużi għas-sewwieqa.

5.2.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-istima li l-Kunsill ingħata sabiex il-lista ta' toroq li għandhom bżonn jiġu scarified isiru kienet taqbeż it-€28,000 u għaldaqstant il-Kunsill irid joħroġ sejħa għall-offerti. Is-Sindku kompla billi qal jew inkella toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex għalissa jsiru dawk it-toroq l-aktar perikolużi.

5.2.4. Il-Kunsilliera C. Castillo issuġġerit li l-Kunsill jikkomunika ma' Infrastructure Malta dwar il-possibiltà li Infrastructure Malta tidħol hi għal dan ix-xogħol.

5.2.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Xogħlijiet minn Infrastructure Malta f'Ta' Masrija (T/4/4/Vol IV)

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef qal li fir-rigward tax-xogħlijiet infrastrutturali f'Ta' Masrija, ix-xogħlijiet ta' asfalt fi Triq ir-Rattan huma lesti u saru anke r-road markings. Sadanittant, tkomplew ix-xogħlijiet fi Triq il-Fortizza li għandhom jitlestew sal-aħħar ta' din is-sena u jkun jista' jingħata l-ewwel saff ta' tarmak sa dakinhar. Bħala servizz ser jitpoġġew kollha fil-bankini.

5.3.3. Sadanittant, is-Sindku xtaq jgħarraf li bejn l-1 u t-3 ta' Diċembru 2025, Infrastructure Malta ser tagħti l-aħħar saff ta' tarmak f'parti minn Triq il-Kbira. Ix-xogħlijiet ser isiru bejn it-8.00 ta' filgħaxija u l-5.00 ta' filgħodu.

5.3.4. Huwa kkonferma wkoll li x-xogħlijiet ta' asfaltar ta' trinka fi Triq il-Pitirross ma' Triq Ġuże' Flores li kienet fetħet il-Korporazzjoni Enemalta, tlestew ukoll.

5.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Xogħlijiet mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi (D/3/1/Vol XIV)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li reġgħu qabdu ritmu tajjeb il-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Fil-fatt, huwa qal li kienu diversi x-xogħlijiet li huma għamlu fil-Mellieħa u fil-Manikata.

5.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1. Il-Proġett tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.5.2. Is-Sindku għarraf li b'referenza għas-silta 5.5.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti, il-permessi sabiex il-kuntrattur ikun jista' jagħmel xogħlijiet fit-toroq ingħataw u nħarġu.

5.5.3. Is-Sindku qal li l-kuntrattur infurmah li l-ħsieb huwa li x-xogħlijiet jibdew wara l-festi tal-Milied.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.6.1 Il-Proġett ta' Lampi Ġodda fi Triq il-Kbira, Triq il-Padrun, Triq E. Camilleri u Triq il-Peprin (E/1/3/Vol VI)

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri preżenti li b'referenza għas-silta 5.6.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti, il-kuntrattur Micamed Ltd infurmah li minħabba r-rekwiżiti l-ġodda fil-permessi tat-toroq speċifikament fejn jidħlu t-tiswija ta' bankini wara li jkunu saru xogħlijiet fihom, ser ikollu jirrevedi l-istimi li kien ta lill-Kunsill fir-rigward tal-proġett ta' lampi ġodda fit-toroq imsemmija.

5.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1 Id-Devoluzzjoni tal-Parkeġġ tal-Għadira (A/6/7/Vol III)

5.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreferit għat-talba li għamel il-Kunsill sabiex jieħu f'idejh permezz ta' devoluzzjoni l-parkeġġ tal-Għadira. Hija qalet li bħala parti mid-dokumentazzjoni li trid timtela' f'dan ir-rigward, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali qed titlob li l-Kunsill jgħid fost oħrajn għal-liema għan ser jużah.

5.7.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-Kunsill għandu joqgħod attent li l-attivitajiet li ser jipproponi fih ma jdaħħlux lill-Kunsill fi problemi minħabba nuqqas ta' sigurtà jew periklu.

5.7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill kemm-il darba jkollu d-devoluzzjoni, irid jieħu ħsieb il-manutenzjoni u l-immaniġjar tiegħu speċjalment fix-xhur tas-sajf meta dan il-parkeġġ jintuża ħafna. Huwa qal ukoll li fost oħrajn irid ikun hemm sorveljanza minn uffiċjal tas-sigurtà u dawn ser ifissru spejjeż addizzjonali għall-Kunsill sakemm il-Kunsill ma jibdiex jiċċarġja xi fee għall-parking.

5.7.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa x'valur miżjud ser ikun għamel il-Kunsill jekk jikseb id-devoluzzjoni. Huwa staqsa dan peress li huwa jemmen li l-pubbliku ċertament jixtiequ jibqa' parkeġġ.

5.7.6. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill ma jistax jibda jiċċarġja l-parking fees meta dan il-parkeġġ dejjem kien bla ħlas.

5.7.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill irid joqgħod attent li ma joħloqx xi preċedenti mal-Mellieħa Bay Hotel.

5.7.8. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Kunsill qabel li jinforma lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li wara li saret valutazzjoni, il-Kunsill iddeċieda li jirrinunzja mit-talba.

### 5.8.1. Mixja ta' Tama (A/5/3/Vol XVI)

5.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għamlet aċċenn għall-Mixja ta' Tama li l-Kunsill organizza nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru 2025 biex jinħoloq aktar għarfien dwar il-mard tas-sider u s-saħħa mentali. Hija ssuġġerita lill-Kunsill li sena oħra din il-mixja terġa' ssir peress li ntlaqgħet tajjeb ħafna.

5.8.3. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li d-donazzjonijiet miġbura waqt din il-mixja b'risq Action for Breast Cancer Foundation, ammontaw għal €352.45c. Din il-fondazzjoni wriet l-apprezzament tagħha għal dan il-ġest sabiħ min-naħa tal-Kunsill.

5.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Chess Buddies Malta Summer Meetups fil-Lokalità (S/4/2/Vol V)**

5.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-attività organizzata bil-kollaborazzjoni ta' 'Chess Buddies Malta' li saret fit-22 ta' Novembru 2025 fis-sala Joseph Borg reġgħet kienet suċċess u l-attendenza kienet aktar mill-ewwel darba li saret fil-fatt ipparteċipaw madwar erbgħin tifel u tifla. F'din it-tieni sessjoni ħadu sehem ukoll numru sabiħ ta' membri mill-Mellieħa Scout Group.

5.9.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin issuġġerit li xi darba is-sessjoni għandha ssir fil-beraħ bħal f'Misraħ il-Parroċċa.

5.9.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Bus Interchange proposta fi Triq Selmun (T/5/1 Vol II)**

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Planning Commission Meeting għandu jiltaqa' fit-3 ta' Diċembru 2025 biex jiddiskuti l-applikazzjoni għall-iżvilupp PA/01788/23 dwar il-proposta ta' Bus Interchange u Landscaping Works.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.11.1 Esproprjazzjoni ta' Art konfinanti ma' Triq tas-Salib, Triq Salvu Camilleri u Triq Żnuber (P/5/8/Z)**

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għas-silta 5.11.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta għall-proposta tiegħu.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Xogħol Infrastrutturali minn WSC fi Triq ta' Msid, Triq ir-Ramla tal-Bir, Triq Ramlet il-Qortin, Triq l-Armier iż-Żgħir, Triq it-Torri l-Abjad u Daħlet ix-Xmajjar (W/2/Vol IV)**

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fir-rigward tax-xogħol infrastrutturali msemmi, huwa talab lill-Perit inkarigat minn dan il-proġett sabiex iżżomm il-Kunsill infurmat bl-iżviluppi li jista' jkun hemm.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Applikazzjoni għall-Iżvilupp PA/00655/25 – Estensjoni tal-Impjant tad-Drenaġġ fl-Inħawi taċ-Ċumnija (D/1/Vol III)**

5.13.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 5 ta' Novembru 2025 mibgħut mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar Planning Board Meeting li kien qed jiġi propost għall-11 ta' Diċembru 2025 fejn il-Bord kien ser jieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni msemmija. Fl-istess korrispondenza, huwa qal li l-Kunsill kien qed jiġi mgħarraf biex jaħtar rappreżentant u li dan ir-rappreżentant seta' jkun preżenti u jkollu vot.

5.13.3. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma kien kontra dan il-proġett, madanakollu dejjem saħaq li l-art pubblika m'għandhiex tintilef.

5.13.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li vot kontra jkun ifisser li l-Kunsill Lokali jkun qed joġġezzjona għall-estensjoni tal-impjant. Il-Kunsill irid jara awtoritajiet bħall-ERA u l-Case Officer x'qalu u jekk dawn qablu mal-estensjoni, m'għandux ikun il-Kunsill li joġġezzjona għalih.

5.13.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill huwa konxju tal-fatt li dan il-proġett hemm bżonnu, partikularment minħabba d-diversi zbroffi tad-drenaġġ fir-raba', eċċ li qed iseħħu minħabba li s-sistema mhux tlaħħaq mad-domanda.

5.13.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal ukoll li kemm-il darba jikber l-impjant, il-bdiewa ser igawdu wkoll mill-ilma permezz tal-inizjattiva New Water u nsalvaw il-baħar.

5.13.8. Fid-dawl tal-ħsieb oriġinali u tal-kummenti li tqajmu, il-Kunsill qabel li jivvota favur dan il-proġett.

### 5.14.1 Programm Annwali tal-Milied mis-Società Filarmonica La Vittoria (S/6/Vol IV)

5.14.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li fl-14 ta' Novembru 2025 il-Kunsill irċieva talba mis-Società Filarmonica La Vittoria fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill fl-organizazzjoni tal-Programm Annwali tal-Milied li ser isir fis-6 ta' Diċembru 2025.

5.14.3. Ms M. Gambin qalet li jieħdu sehem f'dan il-programm mal-banda tas-Società Filarmonica La Vittoria din is-sena ser ikun hemm it-Tenur G. Zammit, is-Sopran O. Agafamova u l-grupp ta' żeffiena Pro Touch Dance School.

5.14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363) il-Kunsill jikkontribwixxi l-ammont ta' €500 u €500 oħra. ser jingħataw mill-fondi li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana alloka għall-Kunsill fil-Fond tal-Kultura 2025.

### 5.15.1. Mellieħa SC Football School Pink October Charity Tournament (S/6/Vol IV)

5.15.2. Nhar is-26 ta' Ottubru 2025, il-membri tal-Kunsill kienu mistednin jattendu għal 5-a-side football tournament organizzat mill-Mellieħa SC Football School biex jitqajjem aktar għarfien dwar il-mard tas-sider u jinġabru fondi għal Puttinu Cares.

5.15.3. Is-Sindku qal li l-kontribut tal-Kunsill kien ta' €250 fl-ispirtu tal-Artiklu (n) u (p) tal-Att dwar il-Kunsill Lokali (Kap. 363).

5.15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1 Ċelebrazzjoni f'Lejlet l-Ewwel tas-Sena (A/5/3/7)

5.16.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill kien ivvota €2,000 fl-Estimi Annwali tiegħu għas-sena 2025 għaċ-ċelebrazzjoni ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena.

5.16.3. Għal dan il-għan, huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tan-Nar Marija Bambina jorganizza ċelebrazzjoni adattata f'għeluq is-sena 2025 u fil-bidu tas-sena 2026. Li kien qed jissuġġerixxi kien li jintrama palk fi Triq Ġnien Ingraw, DJ lokali jkun inkarigat mill-kunċert live u malli jdoqq nofsilejl tinħaraq wirja piroteknika.

5.16.7. Bħala spejjeż, huwa qal li ma jarax li l-Kunsill ħa jonfoq aktar minn dak ivvutat, madanakollu l-Kunsill jista' jagħmel użu mill-bilanċ li fadal tal-Iljieli Melleħin 2025.

5.16.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.17.1. Milied Mellieħi 2025 (A/5/3/6)

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fir-rigward tal-attività fil-Manikata nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru 2025, qed jistenna konferma mingħand il-kor tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa dwar il-possibiltà li jtellgħu kunċert vokali fil-Knisja Parrokkjali tal-Manikata.

5.17.3. Għal nhar is-Sibt 20 u l-Ħadd 21 ta' Diċembru 2025 filgħaxija, il-qofol tal-ispettaklu ser jittella' s-Sibt minn Jamm Band u l-Ħadd minn Spiteri Lucas Band.

5.17.4. Dwar is-sehem tal-għaqdiet lokali, is-Sindku qal li t-tliet għaqdiet mużikali ser itellgħu kunċert mużikali/vokali mqassmin fuq ġranet u ħinijiet differenti, ser jieħdu sehem l-istudenti ta' Artemocion Dance Studio, il-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa u anke għaqdiet sportivi.

5.17.5. Bħala stalls tal-artiġġjanat, huwa qal li l-Kunsill irċieva tnejn u għoxrin applikazzjoni wara sejħa li saret apposta. Bħala stands minn fejn ser jinbiegħu ikel, ħelu u xorb tradizzjonali tal-Milied minn għaqdiet lokali, is-Sindku qal li kull stand ser ikun taħt gazebo f'każ li jkun il-maltemp. U b'żieda ma' dan, huwa qal li nhar is-Sibt ser jiġi determinat fejn ser tintrama t-tinda l-kbira biex f'każ ta' maltemp ma jkunx hemm għalfejn tiżżarma.

5.17.6. Dwar il-ġurnata tal-Ħadd, 21 ta' Diċembru 2025 is-Sindku qal li l-attivitajiet ser ikunu mifruxa fuq ġurnata sħiħa u jibdew minn filgħodu. Dan anke peress li l-istazzjoni TVM ser ixandar il-programm Bonġu Malta b'xandira diretta mill-Mellieħa dakinhar. F'dan ir-rigward, huwa qal li sar online meeting mal-producers tal-programm u saret diskussjoni dwar kif ser ikunu mqassma l-attivitajiet waqt ix-xandira diretta. It-tim ta' Bonġu Malta ser jieħdu ħsieb li jġibu l-grupp Kantera sabiex janimaw u jqajmu l-atmosfera, il-quddiesa tad-9.30 ta' filgħodu ser tixxandar b'mod dirett u ser jieħdu ħsieb li jġibu xi stalls huma wkoll. F'dan il-meeting, is-Sindku qal li l-produzzjoni talbet lista ta' personaġġi Melleħin sabiex issirilhom intervista.

5.17.7. Il-Ħadd wara nofsinhar, is-Sindku qal li taħt it-tinda l-kbira ser issir l-attività tat-tfal, wara t-tombla (il-Kunsill talab għall-permessi neċessarji), wara l-kunċert mill-banda Imperial, isegwu l-istudenti ta' artemocion, talent lokali u l-gran finale minn Spiteri Lucas Band. Huwa spjega wkoll li l-Għaqda tan-Nar Maria Bambina ser taħraq xi nar li ma nħaraqx waqt l-Iljieli Melleħin 2025.

5.17.8. Is-Sindku G. Micallef qal ukoll li kemm il-Malta Community Chest Fund kif ukoll id-Dar tal-Providenza taw l-approvazzjoni tagħhom sabiex il-Kunsill ikun jista' jiġbor donazzjonijiet u ikel għalihom.

5.17.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1. Il-Festa tal-Qara' 2025 (A/5/3/Vol XVI)

5.18.2. Dwar il-Festa tal-Qara' 2025, is-Sindku G. Micallef xtaq jibda billi jirringrazzja lill-membri tal-Kunsill li kienu preżenti dakinhar tal-attività, u lill-membri tal-istaff għall-ħidma tagħhom biex din il-festa setgħet issir. Ma' dawn huwa xtaq iżid lill-Kumitat Festa San Ġużepp tal-Manikata li kienu wkoll ta' spalla għall-Kunsill fl-organizazzjoni u lil Malta Food Agency għas-sapport tagħhom. Is-Sindku qal li din l-attività kienet miftuħa għall-għaqdiet lokali kollha u rringrazzja lill-parteċipanti kollha.

5.18.3. Huwa xtaq iżid ukoll li kien hemm xi residenti li talbu li sena oħra l-attività ma ssirx fi Triq Dun Manwel Grima. Huwa qal li kienu qed jirreferu partikolarment għall-palk li tpoġġa f'din it-triq u ssuġġerew li darb'oħra dan m'għandux jitpoġġa quddiem ir-residenzi imma f'Misraħ il-Parroċċa.

5.18.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa x'kienet il-posizzjoni tal-Koperattiva Rurali Manikata u għaliex ma pparteċipawx meta tqis li fil-passat kienu jorganizzawha huma din l-attività. Huwa qal li għal sena oħra, il-Kunsill għandu jagħmel mezz u jinvolvihom għax ċertament li jistgħu jagħtu kontribut tajjeb. Huwa qal li din is-sena bħala koperattiva ngħataw anke fondi ewropej biex ikomplu bil-ħidma tagħhom u fl-amministrazzjoni tar-Razzett tal-Qasam.

5.18.5. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa personalment tkellem mas-Sur Joseph Galea mill-Koperattiva Rurali Manikata, li stqarr miegħu li din is-sena ma kienx ħa jkollhom biżżejjed membri biex jipparteċipaw. Is-Sindku qal li oriġinarjament kollox beda mal-Kumitat tal-Parroċċa San Ġużepp, wara li l-Kunsill ħabbar li beħsiebu jorganizzata l-Festa Qara' Aħmar u bil-ħsieb li jiġu involuti l-bdiewa tal-Manikata. Sar kuntatt mas-Sur Galea u huwa personalment offrilhom li jippartecipaw ukoll. Madankollu, is-Sur J. Galea rrimarka li l-membri qed isibuha diffiċli biex jiltaqgħu saħansitra anke f'laqgħat annwali.

5.18.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.19.1. Pat Pace Memorial Sports Fest (S/4/2/Vol V)

5.19.2. Saret referenza għall-attività li Selmun Sports Club organizzaw fid-9 ta' Novembru 2025 fil-Park tal-Familja biex titfakkar il-memorja tal-mibki s-Sur Patrick Pace.

5.19.3. Is-Sindku qal li huwa f'isem il-Kunsill ippreżenta bukkett fjuri lis-Sinjura Pace li kienet preżenti u bħala Kunsill afferma l-appopp sħiħ tiegħu f'din l-inizjattiva. Huwa qal li bħala attività, Selmun Sports Club rabtuha mad-dixxiplini sportivi li kienu favoriti mas-Sur Pat Pace li kienu l-Baseball, il-Basketball, il-Football u l-Pool Table.

5.19.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li kienet interessanti ferm l-inizjattiva li plejers jilagħbu dixxiplini sportivi li mhux normalment jipprattikaw huma. Huwa qal li inizjattivi simili għandhom isiru aktar ta' spiss.

5.19.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.20.1. Fish Fest 2026 (A/5/3/Vol XVI)

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 21 ta' Novembru 2025 mingħand is-Segretarjat Parlamentari għas-Sajd, l-Akkwakultura u l-Ħarsien tal-Annimali dwar l-edizzjoni tas-sena d-dieħla ta' 'Fish Fest'.

5.20.3. Is-Sindku qal li s-Segretarjat Parlamentari qed jissuġġerixxi li 'Fish Fest 2026' isir nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru 2026 f'Misraħ il-Parroċċa, il-Mellieħa u xtaqu jkunu jafu jekk il-Kunsill isibx xi oġġezzjoni dwar dan.

5.20.4. Minħabba s-suċċess li kisbet l-edizzjoni ta' din is-sena ta' 'Fish Fest', il-Kunsill qabel ma'din il-proposta u nnota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (M/4/5)

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (Strategy and Policy Implementation), talbu li jiltaqgħu mal-Kunsill sabiex jingħataw aġġornament dwar il-proġetti tal-Kunsill ffinanzjati permezz ta' skemi mnedija mill-istess Diviżjoni.

5.21.3. Din il-laqgħa kellha ssir fis-17 ta' Novembru 2025 fl-uffiċċju tal-Kunsill, iżda ġiet posposta mid-Direttur għal data oħra li għadha mhix magħrufa.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.22.1. Tisbiħ tat-Turġien fi Triq Gorg Borg Olivier (P/4/17)

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għall-item 5.22.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti u qal li l-Perit għadu qed jirrevedi l-Bill of Quantities u qed jaħdem fuq ir-renders taż-żewġ turġien li jinsabu fi Triq Gorg Borg Olivier.

5.22.3. Huwa qal li l-Kunsill jista' japplika biex jikseb fondi mid-Development Planning Fund għal dawn iż-żewġ proġetti.

5.22.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1. Iljieli Melleħin 2025 (A/5/3/5/Vol XVII)**

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għar-rendikont finanzjarju marbut mal-attività Iljieli Melleħin 2025 u li kopja tiegħu ngħatat lill-membri kollha tal-Kunsill.

5.23.3. Is-Sindku qal li d-dħul kien jikkonsisti minn €35,000 fondi vvutati fl-Estimi Annwali tal-Kunsill 2025, €20,000 li nkisbu permezz tal-iskema SPI.SCI.2.2025 mnedija mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u €5,000 għajnuna finanzjarja mogħtija mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. It-total tad-dħul kien jammonta għal €60,000.

5.23.4. Fir-rigward tal-ispejjeż, is-Sindku qal li dawn ammontaw għal €52,503.03c. Huwa qal ukoll li l-invoices kollha ġew inklużi fl-Iskedi tal-Pagamenti u għaldaqstant ġew approvati mill-Kunsill u l-pagamenti ġew ipproċessati kollha.

5.23.5. Huwa xtaq itenni wkoll li bejn id-dħul u l-ħruġ kien għad fadal bilanċ ta' €8,255.23 li ma ntefaqx u ppropona li dan il-bilanċ jiġi allokat għall-attività Milied Mellieħi 2025 jekk ikun hemm il-ħtieġa.

5.23.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.24.1. Xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-Toroq Prinċipali (W/2/Vol IV)**

5.24.2. Dwar ix-xogħlijiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali, is-Sindku għarraf li Fil-31 ta' Ottubru 2025, il-Kunsill ħareġ stqarrija għall-istampa li kien tgħid hekk:

'Stqarrija – Proġett tal-Ilma u Drenaġġ fi Triq il-Marfa u Triq Ġorġ Borg Olivier'

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, matul l-aħħar xhur, żamm kuntatt kontinwu permezz ta' korrispondenzi diretti mill-Uffiċċju u mis-Sindku, mal-inġiniera responsabbli, dwar il-progress tal-proċess tat-tender għal dan il-proġett importanti.

Il-Kunsill jirrikonoxxi li dan il-proġett maġġuri jeħtieġ konsultazzjoni mifruxa u ħidma koordinata. Għaldaqstant, imbutta sabiex isiru laqgħat mal-MHRA, il-Chamber of Commerce, ir-residenti u entitajiet oħra sabiex l-ideat u s-suġġerimenti tagħhom jiġu kkunsidrati fil-pjan ta' xogħlijiet. Dawn jinkludu l-iskedar ta' xogħol f'fażijiet biex jitnaqqas l-impatt fuq ix-xhur tax-xogħol, kif ukoll l-introduzzjoni ta' servizz ta' shuttle fejn ikun meħtieġ.

Bħalissa, il-Kunsill kien qed jistenna notifika mill-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma (WSC) dwar l-għeluq tal-proċess tat-tender u l-appell. Mistenni li, hekk kif il-proċess jintemm, issir laqgħa ta' koordinazzjoni sabiex jibdew ix-xogħlijiet. Il-Kunsill se jkompli jżomm kuntatt kontinwu u jassigura li l-informazzjoni tasal direttament għand komunità.
Il-Kunsill jemmen li dan il-proġett huwa meħtieġ u se jsolvi il-problema tad-drenaġġ li ilha taffettwa bosta għelieqi u żoni residenzjali. Aħna se nibqgħu qrib il-komunità biex niżguraw li l-interessi tagħha jkunu dejjem imħarsa.

5.24.3. B'rabta ma' dan, is-Sindku għarraf li l-kuntratt biex ikunu jistgħu jsiru x-xogħlijiet meħtieġa ngħata u ġie ffirmat. Huwa qal li għaldaqstant ix-xogħlijiet mistennija jibdew f'Jannar 2026 u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser jagħmlu laqgħa mal-Kunsill matul Diċembru 2025. Is-Sindku kompla jgħid li bħala fażijiet tax-xogħol, ma nbidel xejn fejn jidħlu l-fażijiet tlieta u erbgħa iżda l-ewwel u t-tieni fażi imxew għal Jannar 2026.

5.24.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.25.1. Tibdil ta' Bus Shelters (B/6/Vol V)

5.25.2. Is-Sindku xtaq jagħti aġġornament dwar it-tibdil ta' numru ta' bus shelters fil-lokalità u qal li l-Awtorità tal-Ippjanar approvat id-DNO's kollha. Huwa qal li dawn il-permess ntbagħtu lill-FACES sabiex jibda l-proċess ta' implimentazzjoni. Madanakollu, huwa qal li hemm numru ta' bus stops li hemm bżonn li tinbena bażi qabel ma jsiru u f'dan ir-rigward jeħtieġ li tinħareġ sejħa għall-offerti waħda sabiex dawn ikunu jistgħu jsiru.

5.25.3. Is-Sindku qal ukoll li l-kumpanija FACES talbet onsite meeting mal-Perit M. Casha.

5.25.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.26.1. Il-Proġett 'Solidarity Project in the Community' iffinanzjat minn Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/41)

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li sal-aħħar tas-sena 2025, il-Kunsill ikun infurmat jekk is-sottomissjoni tal-Kunsill tkunx ġiet aċċettat jew mod ieħor.

5.26.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.27.1. Preservazzjoni ta' Dokumenti u Reġistri tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/Vol II)

5.27.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-imejl datat 6 ta' Novembru 2025 li l-Kunsill bagħat lill-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, fejn talab li jiġu arkivjati dokumenti u reġistri li hemm fl-iskola primarja tal-Mellieħa bil-għan li dawn ma jispiċċawx jintilfu jew mormija iżda preservati.

5.27.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li din l-email intbagħtet fuq inizjattiva tiegħu, wara li huwa flimkien mal-librar is-Sur Jeffrey Sammut innutaw li fl-iskola primarja kien għad fadal dokumenti u reġistri li jmorru lura sal-1917. Huwa qal ukoll li hemm standart tal-1921 li bħalissa jinsab fil-librerija pubblika, li importanti li jiġi preservat ukoll.

5.27.4. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li l-Arkivji Nazzjonali tar-Rabat laqgħu t-talba tal-Kunsill u min-naħa tagħhom għamlu kuntatt mar-Records Section fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, biex flimkien jikkordinaw l-arkivjar u l-preservazzjoni ta' dawn id-dokumenti. Fil-fatt, huwa qal li uffiċjal min-naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni diġa' ġiet tara uħud minn dawn id-dokumenti u ħadet interess peress li d-dokument huma ta' valur storiku.

5.27.5. Is-Sur J. Buttigieg qal li permezz ta' din l-inizjattiva, dawn id-dokumenti storiċi ġew salvati u ssuġġerixxa li kemm-il darba l-Kunsill jsib minn jista' jirrestawra l-istandart, il-Kunsill ikun jista' jerġa' jippreżentah lura lill-iskola meta din tinbena mill-ġdid.

5.27.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.28.1. Il-Pubblikazzjoni 'Snajjin' – Ġabra ta' Kitbiet tal-mibki Joseph F. Cachia (P/3/5)

5.28.2. Dwar il-ġabra ta' kitbiet tal-mibki Joseph F. Cachia, il-membri tal-Kunsill ġew murija l-qoxra ta' din il-pubblikazzjoni u kien hemm qbil li appena l-Kunsill ikollu f'idejh l-aħħar abbozz, dan jintbagħat lill-Kunsilliera.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Il-Parkeġġ biswit il-lukanda Ramla Bay (H/3/1)**

5.29.2. Dwar silta 5.29.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti, is-Sindku għarraf li s'issa ma kien hemm l-ebda żviluppi.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.30.1. Armar ta' Tower Crane fi Triq il-Fortizza (A/6/3/Vol X)**

5.30.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li xi residenti ġibdulha l-attenzjoni li nħareġ permess sabiex fix-xagħra ta' Triq il-Fortizza jiġi armat tower crane.

5.30.3. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġie avviċinat ukoll u jidher li t-tower crane ser ikun armat fuq art privata.

5.30.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Introduzzjoni ta' Parking Bays fi Triq il-Palm (T/3/2/Vol XIX)**

5.31.2 Is-Sindku G. Micallef għamel referenza għad-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill li jintroduċi l-parking bays fi Triq il-Palm u d-deċiżjoni li ttieħdet ftit wara li parti minnhom jitneħħew peress li xi residenti kienu lmentaw fuqhom.

5.31.3. Huwa qal li din il-kontroversja għadha għaddejja u nforma lill-Kunsill li huwa personalment għadu kontinwament jiġi kkuntattjat minn xi residenti li qed jinsistu li dawn jerġgħu jsiru.

5.31.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-kwistjoni hija li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jerġa' jagħmel il-parking bays matul it-triq kollha, liema naħa tat-triq ser isir il-parking u liema naħa mhux ser ikun permissibbli l-parking.

5.31.5. Il-Kunsilliera C. Castillo ssuġġerit li l-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta sabiex Transport Malta tagħti l-opinjoni tagħha u possibbilment tikkunsidra l-introduzzjoni ta' double yellow lines fil-parti d-dejqa tat-triq.

5.31.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel ma' din il-proposta.

**5.32.1. Tindif ta' Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)**

5.32.2. Dwar it-tindif ta' toroq urbani, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li rċieva kummenti pożittivi dwar it-tindif tat-toroq fiż-żona Tas-Sellum. Huwa qal li r-residenti huma sodisfatti bl-indafa.

5.32.3. Huwa għarraf ukoll li fid-9 ta' Novembru 2025, il-Kunsill kellu laqgħa mal-Assitent Direttur tal-Cleansing and Maintenance Division is-Sur Duncna Hall proprju dwar l-andament tas-servizz mogħti mid-Diviżjoni fil-lokalità tal-Mellieħa.

5.32.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li fost il-materji diskussi kien hemm li bħala numru ta' ħaddiema, issa fil-Mellieħa/Manikata hawn għaxar ħaddiema assenjati skont kif stipulat fl-MOU. Huwa stqarr li l-iskeda tat-tindif tat-toroq għadha ma ħarġitx pubblikament, għax il-Kunsill ried jaċċerta ruħu li jkollu l-ħaddiema kollha assenjati biex ikunu allokati fiż-żoni rispettivi u l-iskeda tkun tista' tiġi rrispettata. Huwa qal ukoll li l-Kunsill għandu jiltaqa' mad-Direttur tas-CMD – is-Sur Ramon Deguara sabiex tiġi diskussa l-possibiltà li l-Mellieħa jkollha mechanical sweeper u mechanical sweepers żgħar sabiex żoni rimoti jkunu jistgħu jitnaddfu bihom u l-ħaddiema jkunu jistgħu jikkonċentraw il-ħidma tagħhom f'żoni aktar ċentrali.

.

5.32.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill iffirmax l-MOU 'il ġdid u s-Sindku wieġeb li l-Kunsill iffirmah wara li s-Sur Ramon Deguara għadda kopja ffirmata min-naha tieghu. Huwa qal ukoll li l-Viċi Sindku bħala l-membru tal-Kunsill li ġie fdat ir-responsabiltà tal-indafa tat-toroq għandu jaċċerta ruħu dwar in-numru ta' ħaddiema li jkunu assenjati u li l-iskeda tiġi segwita.

5.32.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mat-tweġiba tas-Sur Bartolo.

## 5.33.1. Ingaġġ ta' Administration Officer II (P/7/1/Vol XVII)

5.33.2. Is-Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li fil-21 ta' Novembru 2025, għalqet is-sejħa interna għall-Administration Officer II fi Skala 10.

5.33.3. Hija qalet li ħadd mill-impjegati tal-Kunsill applika u għaldaqstant il-pass li jmiss huwa li l-Kunsill jagħmel is-sejħa fost il-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex.

5.33.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.34.1. Jum il-Kunsill 2025 (A/5/3/1/Vol XXIV)

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill għamel sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-kiri ta' sala biex tintuża għaċ-ċerimonja ta' Jum il-Kunsill 2025 li ser issir il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025. Huwa qal li l-irħas offerta kienet ta' Paradise Bay Resort u diġa' saru kuntatti mal-Management ta' din il-lukanda sabiex jibdew il-preparamenti meħtieġa.

5.34.3. Huwa qal li s-sala tista' tintuża minn filgħodu u wara ċ-ċerimonja ser ikun hemm riċeviment żgħir bħalma jsir kull sena.

5.34.4. Dwar l-interventi mużikali, is-Sindku qal li tkellem mal-mużiċist is-Sur James Żammit u l-ħsieb huwa li jgħaqqad kwartett.

5.34.5. Dwar l-għoti tal-onoreficenzi, is-Sindku qal li l-Bord ta' Rakkomondazzjoni dwar l-Għoti tal-Onoreficenzi ltaqa' nhar it-Tnejn, 24 ta' Novembru 2025 u fl-essenza tiegħu peress li kien imsiefer, mexxiet il-laqgħa l-Kunsilliera L. Darmanin. Il-minuti ta' din il-laqgħa tqassmu lill-membri kollha tal-Kunsill.

5.34.6. Is-Sindku qal li l-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti tal-Onoreficenzi rrakkomanda li:
Ġieħ il-Mellieħa jingħata lis-Sur Philip Vella għall-kontribut indeskrivibbli tiegħu fil-qasam mużikali kemm fuq bażi lokali u anke nazzjonali;
Rikonoxximent il-Mellieħa jingħata:
lis-Sur Paul Mifsud għall-kontribut kbir tiegħu fil-qasam tal-mużika u fil-qasam soċjali;
lis-Sur Jeffrey Sammut għall-kontribut kbir tiegħu fil-qasam letterarju; u
lis-Sinjura Joyce Vella Dean għall-kontribut kbir tagħha fil-qasam sportiv.

5.34.7. Dwar l-għoti ta' Apprezzament il-Mellieħa, is-Sindku qal li huwa xtaq jinnomina lil Fr Peter Paul Sultana, għall-kontribut kbir tiegħu bħala amministratur fil-Parroċċa tal-Manikata għal dawn l-aħħar sentejn.

5.34.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel unanimament mar-rakkomandazzjonijiet tal-Bord u tas-Sindku.

## 5.35.1. Titjib ta' Triq magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' permezz ta' i73.3 Off Farm Investment (Infrastructure Rural Roads) (P/10/42)

5.35.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-avviż fuq il-Gazzetta tal-Gvern dwar is-sejħa għall-offerti dwar xogħol ta' titjib tat-triq rurali magħrufa 'Ta' Bejn il-Ġonna' deher fl-4 ta' Novembru 2025. Is-sejħa għall-offerti tagħlaq fit-2 ta' Diċembru 2025.

5.35.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.36.1. Talbiet għall-Footages mid-Dipartiment tal-Pulizija (C/9)

5.36.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-Kunsill qed jirċievi diversi talbiet mid-Dipartiment tal-Pulizija biex il-Kunsill jipprovdi footages mis-cctv cameras tiegħu, b'rabta ma' reati li jkunu ġraw fil-postijiet fejn il-Kunsill għandu s-cctv cameras. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-footages jintalbu biex jgħinu lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet tagħhom.

5.36.3. Peress li l-footages jieħdu ħafna ħin biex tagħmel download tagħhom, is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill jistax jikkunsidra li jew il-Pulizija tal-Komunità jkollhom aċċess għas-cctv cameras fl-Għassa tal-Mellieħa jew il-Kunsill ikollu laptop apparti li fuqu jkun hemm installati s-softwares tas-cctv cameras biex kull meta l-Pulizija jkollhom bżonn, ikunu jistgħu jiġu l-uffiċċju tal-Kunsill u jaraw il-footages mingħajr il-ħtieġa li dawn jiġu downloaded.

5.36.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li hija taqbel li fl-uffiċċju tal-Kunsill ikun hemm laptop apparti u kull meta jkollhom bżonn, il-Pulizija jkunu jistgħu jiġu l-uffiċċju u joqogħdu jaraw il-filmati.

5.36.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet l-importanti li l-filmati jkunu aċċessibbli għall-Pulizija biex ma jaqax aktar xogħol fuq il-ħaddiema tal-Kunsill.

5.36.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill ikollu laptop apparti għall-filmati tas-cctv cameras.

### 5.37.1. Talba mill-Għaqda Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti Melleħin *(*K/3*)*

5.37.2. B'referenza għat-talba li kienu għamlu l-GĦKNKM lill-Kunsill permezz ta' imejl data 19 ta' Ottubru 2025, is-Sindku qal li dwar il-fencing li ntalab fit-triq li tagħti għaċ-Ċirkewwa fil-limiti ta' Wied Musa, il-Kunsill ser jagħmel talba lill-Infrastructure Malta peress li Infrastructure Malta kienet għamlet din it-triq. Kemm-il darba t-talba ma tintlaqax, il-Kunsill jista' jikkunsidra li jagħmlu hu jew jitlob lill-Ambjent Malta.

5.37.3. Dwar il-proposta biex il-Kunsill jinstalla cameras tas-sigurtà fl-Aħrax tal-Mellieħa, il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa xi ftit xettiku fuq din il-proposta peress li l-Aħrax tal-Mellieħa huwa meqjus bħala post ta' rikrejazzjoni.

5.37.4. Min-naħa tiegħu, is-Sindku qal li jaħseb il-proposta saret peress li jkun hemm min jabbuża fejn jidħol rimi ta' skart f'dawn l-inħawi.

5.37.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li jista' jkun ukoll li pproponewhom minħabba ħruq li jista' jkun hemm fl-inħawi.

5.37.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

### 5.38.1. Aġġornament dwar is-Sejħiet għall-Offerti tal-Kunsill (K/6/Vol II)

5.38.2. Is-Sindku G. Micallef xtaq jagħti aġġornament dwar is-sejħiet għall-offerti tal-Kunsill. Huwa qal li f'dawn l-aħħar xhur, ingħataw il-Kuntratt dwar iż-Żamma u l-Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi, il-Kuntratt dwar l-Installazzjoni ta' Cameras tas-Sigurtà fl-Entraturi tal-Mellieħa u l-Kuntratt għas-Servizzi ta' Perit.

5.38.3. Is-sejħiet għall-offerti dwar l-Installazzjoni ta' Cameras ta' Sigurtà fl-Entraturi tal-Manikata u Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Taffiku qegħda ssir l-evalwazzjoni tagħhom.

5.38.4. Bħalissa ħarġet is-sejħa għall-offerti 'Resurfacing tat-Triq Bejn il-Ġonna' li tagħlaq fl-4 ta' Diċembru 2025.

5.38.5. Qegħdin fil-proċess li jinħarġu s-sejħiet għall-offerti għat-Trasport ta' Anzjani lejn u minn iċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa, il-Ġbir ta' Skart Goff, Installazzjoni ta' Sistema ta' Floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata, ix-Xiri ta' Crew Cab Van għall-Użu tal-Kunsill u Manuntenzjoni tal-Multi-Purpose Court fil-Park tal-Familja.

5.38.6. Is-sejħiet għall-offerti għall-Pubblikazzjoni ta' Ktieb dwar il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa u għall-Installazzjoni ta' Dwal Dekorattiv tal-Milied, qed jiġu ippreparati.

5.38.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.39.1. Kontroll tal-Bagħal taż-Żunżan (Hornets) (P/12)**

5.39.2. Is-Sindku għarraf li b'referenza għall-minuta 5.39.1. tal-minuti tas-seduta preċedenti. il-Kunsill xtara l-apparat neċessarju biex jikkontrolla l-bagħal taż-żunżan u qed iżomm lista ta' postijiet fejn qed ikunu osservati.

5.39.3. Madanakollu, peress li t-temp kesaħ jidher li l-bagħal taż-żunżan m'għadux qed jiġi osservat bħalma kien.

5.39.4. B'żieda ma dan, huwa qal li l-Kunsill qed iżomm lista apparti għat-talbiet li l-Kunsill jirċievi biex isir rodent kontrol sabiex kif tkun kompluta tintbagħat lid-Direttorat tas-Saħħa Pubblika.

5.39.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.40.1. Installazzjoni ta' Easipik Parcel Locker (L/1)**

5.41.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li rappreżentanti ta' Maltapost plc ġew jaraw Ġnien tas-Salib - il-post issuġġerit mill-Kunsill biex fih jitpoġġa Easipik Parcel Locker. Hija qalet ukoll li r-rappreżentanti tal-Maltapost plc dehrilhom li l-post huwa adattat u għal dan il-għan għandhom jgħaddu ritratt ta' tinda li jixtiequ jagħmlu għal-locker għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

5.41.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.41.1. Installazzjoni ta' Camera ta' Sigurtá (CCTV) fi Triq il-Miżieb (C/9)**

5.41.2. Is-Sindku rrefera għas-sejħa għall-kwotazzjonijiet li l-Kunsill għamel sabiex jinstalla camera tas-sigurtà (CCTV) fi Triq il-Miżieb. Huwa qal li l-Kunsill irċieva żewġ kwotazzjonijiet li bejniethom kien hemm differenza sostanzjali fil-prezz, u kien għalhekk li l-Kunsill talab lill-Ing. Jordan Cutajar sabiex jagħmel rapport tekniku u jagħti l-parir tekniku tiegħu.

5.41.3. Is-Sindku qal li mir-rapport tekniku, li kopja tiegħu tqassmet lill-membri kollha tal-Kunsill, l-irħas kwotazzjoni hija kompatibbli mar-rekwiżiti mitluba fis-sejħa għall-kwotazzjonijiet.

5.41.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jipproċedi f'dan ir-rigward.

**5.42.1. Finanzjament ta' Ġwiebi viċin u Xogħlijiet ta' Titjib fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)**

5.42.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Perit M. Casha aġġorna u ffinalizza l-Bill of Quantities tax-xogħlijiet kollha proposti biex minbarra l-ġiebja jsir xogħol ta' titjib fi Ġnien il-Qigħan kif miftiehem. Kopja tal-Bill of Quantities inġabet għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill.

5.42.3. Is-Sindku qal li mill-Bill of Quantities ħarġu l-figuri u l-ammonti li jridu jiġu ffinanzjati mill-Kunsill u mill-ERA li huma kif ġej:

ERA: €173,131,71 (inluż is-siġar u xogħlijiet ta' landscaping) / €159,504.26 (mingħajr is-siġar u landscaping);

KLM: €158,059.10

5.42.4. Is-Sindku kien tal-opinjoni li l-Kunsill m'għandux jitlef l-opportunità li jagħmel dan ix-xogħol tat-titjib f'wieħed mill-ġonna tiegħu u għaldaqstant staqsa jekk il-membri tal-Kunsill jaqblux li l-Kunsill jiffinanzja l-ammont ta' €158,059.10. Huwa tenna li l-ERA temmen ħafna f'dan il-proġett, tant li lesta li tiffinanzja l-ammont ta' €150,000 b'risq dan il-proġett u għaldaqstant il-Kunsill m'għandux jitlef din l-opportunità.

5.42.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien hemm qbil mill-membri kollha li l-Kunsill joħroġ il-parti tiegħu u jiffanzja parti minn dan il-proġett.

## 5.43.1. Il-Fortizza ta' Campbell, f'Selmun (P/5/3)

5.43.2. Is-Sindku għarraf li 25 ta' Novembru 2025, is-Segretarju Eżekuttiv irċeviet telefonata mingħand is-Sur Emil Vassallo - id-Direttur Ġenerali responsabbli mill-Gvern Lokali, wara li l-Kunsill ħareġ l-istqarrija għall-istampa dwar il-Fortizza ta' Campbell.

5.43.3. Is-Sindku qal li s-Sur E. Vassallo staqsa x'kien qed jitlob il-Kunsill fir-rigward tal-Fortizza ta' Campbell u ngħatat spjegazzjoni li l-Kunsill li kien qed jitlob b'mod immedjat kien li jingħalqu l-aperturi ta' din il-fortizza minħabba l-periklu eżistenti.

5.43.4. Is-Sindku G. Micallef irrefera wkoll għall-aħbar li ħarġet fil-mezzi tal-midja lokali, fejn l-Onor. Prim Ministru ħabbar li l-Gvern Ċentrali ser jirrestawra l-Fortizza ta' Campbell u ħa jinħoloq spazju miftuħ għall-familji Maltin u Għawdxin. B'rabta ma' din l-aħbar, huwa qal li xtaq ikun jaf x'ser ikun l-irwol tal-Kunsill Lokali fil-proċess ta' dan kollu, peress li jixtieq li l-Kunsill ikun stakeholder parteċipi. Huwa qal li l-Kunsill għandu joffri pjattaforma fejn ir-residenti jgħidu x'jixtiequ huma għal Selmun.

5.43.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li konsultazzjoni pubblika mill-Gvern Ċentrali ser issir u għaldaqstant hija tal-opinjoni li l-Kunsill għandu jistenna li ssir din il-konsultazzjoni, imbagħad jimxi minn hemm. Hija kompliet billi qalet li għand ir-residenti l-Kunsill imur, meta f'idejh ikollu l-informazzjoni kollha.

5.43.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li s-sit tal-Fortizza Campbell jinteressa lill-Maltin kollha mhux lill-Melleħin biss. Huwa kompla billi qal li l-input tal-Kunsill għandu jkun waqt il-konsultazzjoni pubblika u l-Kunsill għandu jibqa' kawt u ma jgħaġġilx għax l-affarijiet għadhom prematuri. Huwa qal li għadu kmieni wisq u l-Kunsill għandu jistenna u jara l-Gvern Ċentrali x'ser jipproponi. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-konsultazzjoni mar-residenti għandha ssir meta l-Kunsill ikun jaf x'ħa jkun propost.

5.43.7. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li jekk ħa jkun hemm kummerċjalizazzjoni ta' ċertu areas ser tkun problema. Min-naħa tiegħu, huwa qal li jaqbel li għandha ssir konsultazzjoni qabel mar-residenti, biex finalment il-Kunsill ikun jaf x'jixtiequ r-residenti.

5.43.8. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar u l-Kunsillier J. Buttigieg qalu li huma ma jaqblux li ssir konsultazzjoni mar-residenti qabel issir il-konsultazzjoni pubblika mill-Gvern Ċentrali.

5.43.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill Lokali f'dan l-istadju jista' jitlob li jkun infurmat u parteċipi fil-proċess tat-twettiq ta' dan il-proġett. Huwa stqarr li huwa jaqbel mija fil-mija mal-konsultazzjoni imma x'ħin il-Kunsill ikollu informazzjoni solida f'idejh.

5.43.10. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li f'Selmun hemm siti uniċi li għadek issib fejn familji sħaħ imorru biex jirrillassaw u dawn huma interessati li jkunu jafu xħla jiġri. Għaldaqstant, il-Kunsill ma jistax ma jinfurmahomx.

5.43.11. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Onor. Prim Ministru u jitlob li ssir laqgħa mal-Kunsill bil-għan li l-Kunsill ikun infurmat bil-pjanijiet kollha għal dan il-post, u biex ikun f'posizzjoni li jagħmel konsultazzjoni mar-residenti.

5.43.12. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li huwa jaqbel li l-ewwel il-Gvern Ċentrali jagħmel konsultazzjoni mal-Kunsill imbagħad jagħmel konsultazzjoni pubblika.

5.43.13. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill jikteb lill-Onor. Prim Ministru kif issuġġerit.

### 5.44.1. Rendikont Finanzjarju – Lulju/Settembru 2025 (F/1/1/Vol IV)

5.44.2. L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ingħaqad b'mod virtwali għal din il-parti tas-seduta u spjega li l-figuri f'dan ir-rendikont finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2025, jindikaw li l-Kunsill miexi mal-baġit li għandu għas-sena 2025. Huwa qal li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Lulju/Settembru 2025 kien jammonta għal €1,001,146 li jikkonsisti f'€907,517 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €84,928 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, €5,097 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u €3,504 minn dħul ieħor.

5.44.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti żied b'€139,720 meta mqabbel mat-tliet xhur ta' qabel u kien ta' €3,453,516. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €3,411,357, Inventarji (*Stocks*) €10,875, u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, illi ammontaw għal €31,284.

5.44.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti żdiedu minn €1,664,384 għal €1,714,456. Dawn kienu magħmula minn €90,119 Ammonti Pagabbli, €54,682 Accruals u €1,569,655 Deferred Income.

5.44.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €1,000,760 u tikkonsisti minn €194,947 fuq Pagi, Onorarji u *Allowances*, €491,844 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €48,650 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi permanenti ġie kkalkulat għal €265,309.

5.44.6. Kien spjegat li mill-bidu tas-sena rriżulta *surplus* ta' €386. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja żied b'20% fuq it-trimestru preċedenti u kien 145%. Dan ifisser li l-Kunsill għandu l-qagħda finanzjarja tiegħu b'saħħitha ħafna.

5.44.7. Il-valur fiss tal-assi permanenti akkwistati minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €70,641, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €10,878,100, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,296,835, sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

5.44.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: melliehalc@gov.mt.

5.44.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.45.1. Proposta biex Triq il-Miżieb Titwessa' (T/3/2/Vol XIX)

5.45.2. Is-Sindku għarraf li fl-4 ta' Ottubru 2025 huwa bagħat tfakkira lill-Onor. Chris Bonnett – Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi biex possibiliment Triq il-Miżieb titwessa'.

5.45.3. Huwa xtaq jieħu din l-okkażjoni biex jgħarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bejn it-28 u t-30 ta' Ottubru 2025, ser tkun qed tagħmel xogħlijiet fi Triq il-Wilġa u din ser tkun magħluqa għat-traffiku. It-trasport pubbliku mhux ser ikun affettwat u ser ikun hemm uffiċjali ta' Transport Malta jikkordinaw it-traffiku fl-inħawi tal-madwar. **(W/2)**

5.45.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera C. Castillo li tgħid:

***"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 4/2025, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi 'SERVICE TENDER FOR THE PROFESSIONAL SERVICES OF AN ARCHITECT TO THE MELLIEĦA LOCAL COUNCIL';***

***Billi saret evalwazzjoni mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni tat-tliet offerti sottomessi, skont il-minuti tal-21 ta' Ottubru 2025; u***

***Billi l-Kunsill alloka fondi għal dan il-għan taħt il-Vot 3120 fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2025;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Creatit Studio li rriżulta konformi mal-kriterji stabbiliti bi spiża ta' €2,578.30 bit-taxxa miżjuda.". (C/3/1)***

Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li din ġiet issekondata mill-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri.

### 7.1.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

7.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 21 ta' Novembru 2025.

7.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn il-25 ta' Ottubru 2025 u l-21 ta' Novembru 2025.

7.1.4. Tressqet ukoll l-iskeda tal-Petty Cash li tkopri bejn is-26 ta' Settembru 2025 u s-27 ta' Ottubru 2025.

7.1.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fit-21.45pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 23 ta' Diċembru 2025 fl-4.00 pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Marica Gambin |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |